**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 4-12

**Data: 30 ta' April** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 03.12 gew moqrija u approvati wara li l-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li fil-punt 7.2a tal-minuti tinbidel il-kelma funtana u ssir kaskata. Wara din il-korrezzjoni l-minuti gew approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li b'effett mis-27 ta' Mejju 2012 ir-rotta tal-karozza nru 3, se terga tigi bir-rotta l-antika cioe tibda minn Triq Santa Liberata, Triq Santu Rokku, SmartCity, Forti Rinella, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Triq Marina, Misrah A Gonzi u Triq ix-Xatt. L-applikazzjoni tal-Bus Shelter saret.

2.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellhom isiru xi tibdiliet fil-blokok. Il-lista konfermata hija din Blokk A, B u C Rinella Housing Estate, Wilfred Flats, BLk1, Triq l-Isptar Navali, Ray's Flats, Blk2, Triq l-Isptar Navali, BlkB, Ent1, Appartamenti Indipendenza, Triq l-Ghassieli, Blk1, EntC Triq il-Villa tal-Armirall, Blk1 EntA, Triq is-Salvatur, Appartamenti 21 ta' Settembru 1964, Blk2 Ent F, Triq is-Salvatur, Appartamenti 21 ta' Settembru, Blk2 EntE, Triq l-Ghassieli, Appartamenti Indipendenza Blk2 EntD, Triq il-Villa tal-Armirall Kalkara.

Dwar l-iskema l-ohra tar-Rigenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern, ia-Sindku nforma lill-Kunsill li gie ffirmat il-kuntratt u aktar il-quddiem ser isir meeting mal-perit inkarigat mill-Awtorita fuq dan il-progett. Is-Sindku qal li din l-iskema mhux se tkun biss fuq xoghol ta' nfrastruttura, imma diversi korsijiet edukattivi li minnhom igawdu r-residenti. Dawn il-progetti ser isiru fis-Sajf.

## 3 **Komunikat mis-Sindku.**

3.1 Xogholijiet.

3.1a Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-mafkar tal-Gwerra kwazi tlesta, u ser isiru zewg arbli biex jitilghu il-bnadar tal-Kunsill u l-bandiera Maltija fuqhom. Il-Lista tal-ismijiet tan-nies li mietu fil-gwerra zdiedet u se tintbghat fid-djar ghall-ahhar emmendi. Il-programm gie imfassal bl-ghajnuna tal-protokol.

3.1b Saret l-attivita tal-istory telling u t-tfal hadu hafna gost. Is-Sindku qal li din ser terga ssir fis-Sajf.

3.1c Saret talba sabiex jitpoggew fjuri fi Triq il-Kapuccini fejn il-blokka l-gdida tal-Awtorita tad-Djar. Is-Sindku qal li dawn isiru kif tkun lesta t-triq.

3.1d Dwar il-bozza fejn ic-Cimiterju tal-Lhud – Is-Sindku qal li hu mar fuq il-post u ra li l-post huwa mdawwal biz-zejjed.

3.1e Is-Sindku qal li qed isir ix-xoghol fil-garaxx li ghadu kif gie devolut lill-Kunsill mill-haddiema assenjati mal-Kunsill.

3.2f Qed isir il-fence fil-gnien fejn l-iskola.

## 4. **Korrispondenza.**

Korrispondenza tintbghat bl-email. Ma kienx hemm korrispondenza li kellha tigi diskussa waqt is-seduta.

## 5. **Tender Street Sweeping u s-servizz tal-Bulky refuse.**

Dahlu sebgha offerti minn diversi kuntratturi fejn l-ammonti taghhom ivarjaw pero m'hemmx hafna differenza specjalment bejn l-ewwel tlieta. Is-Sindku ippropona li ssir evalwazzjoni minn Bord wara diversi interviews fejn wara tittiehed id-decizjoni mill-Kunsill.

## 6. **Sejhiet ghall-offerti.**

Fuq suggeriment tal-awditur tal-gvern, il-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-Accountant, u tohrog sejha ghall-Cleaner sabiex tigi regolarizzata s-sitwazzjoni. Is-Sindku ppropona sabiex tohrog sejha ghall-pubblikazzjoni ta' magazines ghall-Kunsill u l-Kunsill qabel ma dawn il-proposti

b'vot unanimu.

## 7. Programm t'Attivitajiet ghas-Sajf

7.1 Korsijiet tal-Kompjuter mit-TCTC

Il-Kunsill ircieva talba mit-TCTC, fejn dawn qeghdin jitolbu l-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex huma joffru korsijiet tal-kompjuter lit-tfal minn 5 – 6 snin, minn 7-8 snin u 9-10snin b'xejn. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem f'din l-attivita u l-korsijiet isiru fis-Sajf.

7.2 Attivita mill-Globe Productions

Nhar it-22 ta' Gunju ser issir attivita ta' modelling minn Globe Productions, zfin Ballroom u Line Dancing. Is-Sindku qal li din l-attivita se tiswa biss 50 ewro u l-Kunsill qabel li tittella' din l-attivita.

7.3 Festa Familja Puttinu Cares

Din l-attivita ser terga ssir bhas-snin ta' qabel u d-dati ghal din l-attivita ser ikunu il-Gimgha 13, Is-Sibt 14, u l-Hadd 15 ta' Lulju. Aktar informazzjoni dwar il-programm tinghata aktar tard. Il-Kunsilliera Speranza Chircop pproponiet li ssir sezzjoni taz-Zumba b'risq Puttinu. Is-Sindku qabel li din l-attivita ghandha ssir il-Gimgha 13 ta' Lulju filghaxija. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

7.4 Attivita taz-Zfin Breakdance

Din l-attivita se tigi organizzata mill-Kunsillier Roderick Mizzi u ser issir nhar l-20 ta' Lulju. Gbir f'din l-attivita imur b'risq l-Inspire.

7.5 Attivita mill-Grupp Virtuosi

Is-Sindku ppropona li ssir serata mill-Grupp Virtuosi nhar is-27 ta' Lulju. L-ispiza marbuta ma' din l-attivita tkun tas-Sound u tilhaq l-ammont ta' 150Ewro.

7.6 Attivita mill-Iscouts tax-Xghajra

Is-Sindku qal li gie avvicinat minn rapprezentanti tal-Iscouts tax-Xghajra fejn dawn urew ix-xewqa li jaghmlu attivita fix-xhar ta' Awwissu. Aktar dettalji jinghataw aktar tard.

7.7 Gemellagg

Is-Sindku qal li f'kuntatt li kellu mal-Kunsill ta' Crespellano, huma qeghdin jistiednu lill-Kunsill tal-Kalkara jzur Crespellano fid-dati bejn is-27 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru 2012. Dwar it-tghalim tal-Ingliz, huwa zied jghid li mill-informazzjoni li nghatatlu mill-Kunsilliera ta' Crespellano Silvia Rubini, hi qalet li din is-sena hemm xi nies interessati li jigu ghal dan il-programm.

## 8. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 4-12.

## 9. Aggornament

9.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

a. Diversi nies li joqghodu fi Triq Santa Liberata u Triq il-Progress qieghdin jilmentaw li m'humiex jircievu l-fuljett li jitqassam mill-Kunsill. Is-Sindku qal li ser tingibed l-attenzjoni ta' min qed iqassam.

b. Patching fi Triq il-Progress.
Is-Sindku qal li kif ikunu qed jaghmlu r-resurfacing fi Triq Santa Liberata, tingibed l-attenzjoni lill-kuntrattur.

9.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

a. Isiru l-pots jew bolards fil-pjazza tal-Kunvent tal-Kapuccini. Is-Sindku qal li din it-talba ghandha tigi mill-patrijiet residenti fil-Kunvent minhabba li din l-art hija tal-Kunvent u mhux art pubblika.

b. Isiru z-zjarat lill-anzjani rikoverati fid-djar, fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.

c. Isiru korsijiet tal-Crafts u Drama ghal dawk il-fuq minn 11 il-sena.

9.3 Il-Kunsilliera Roderick Mizzi qajjem dawn il-punti:

a. Jitrangaw il-bankijiet li hemm fil-'bebbuxu' ta' fejn Bighi. Is-Sindku qal li ix-xoghol fuq hemm jibda kif jitlesta x-xoghol fuq il-Pjazza Sagra Familja

Is-Seduta spiccat fit-8.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |